# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu, 2021**

**Numru 7**

**Rikors Numru 530/20TA**

**Terracore Limited (C-32227)**

**vs**

**TACA INSAAT VE TICARET AS (OC-1225)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi Terracore Limited li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi fis-16 ta' Novembru tas-sena 2018 il-partijiet daħlu f'*sub-contracting agreement* (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkat **Dok. A**) li kien jikkonċerna xogħolijiet t'appalt li kellhom isiru in konnessjoni mal-*Fortina Hotel Project*, liema xogħlijiet kienu oriġinarjament kunsidrati f'kuntratt iffirmat bejn is-soċjeta` konvenuta nnifisha u l-kumpanija Fortina Contracting Ltd;

2. Illi x-xogħlijiet għal liema s-soċjeta rikorrenti ġiet imqabbda jikkonċernaw *inter alia* t-tneħħija ta' ilma, tħaffir u grouting kif aħjar kunsidrati fis-*sub-contracting agreement*;

3. Illi s-soċjeta` rikorrenti ottemperat ruħha mal-ftehim u mal-istruzzjonijiet mogħtija u kienet dejjem professjonali u aġixxiet skont l-i*standards* rikjesti, kif ukoll dejjem ipprovdiet l-istess servizzi fil-ħin u mingħajr ebda dewmien, anke meta s-soċjeta` intimata ma kienetx qed tonora l-obbligi tagħha u tħallas lis-soċjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija wieħed u erbgħin elf, tmien mija sebgħa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€141,897.57) (Ara statement hawn anness u mmarkat **Dok. B**) u **dan minkejja li hemm qbil u rikonoxximent inekwivoku da parti tas-soċjeta` konvenuta li din is-somma hija dovuta minnha** (Ara komunikazzjoni mibgħuta minn rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta hawn anness u mmarkata bħala **Dok. Ċ**);

5. Illi s-soċjeta` intimata qed tkaxkar saqajha u mhijiex qiegħda tottempera ruħha mal-obbligi ta' ħlas, minkejja li din aċċertat lis-soċjeta` rikorrenti diversi drabi, inkluż bil-miktub, illi l-bilanċ pendenti kien ser jiġi saldat *in toto*, u dan bi ksur tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet;

6. Illi l-aħħar pagament li effetwat is-soċjeta` konvenuta akkont tal-ammont globali li huwa dovut lis-soċjeta` rikorrenti kien ta' għaxart elef Ewro (€10,000) u dan l-ammont tħallas fl-20 ta' Frar, 2020 (*vide* **Dok. Ċ** anness);

7. Illi wara l-pagament surriferit ma sar ebda ħlas ulterjuri da parti tas-soċjeta` konvenuta minkejja l-varju nterpellazzjonijiet li sarulha, b'dan ir-rikorrenti sfat kostretta tippreżenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju (Nru. 710/2020) in kawtela tal-bilanċ intier li għadu dovut lilha u sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha.

8. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organiżazzjoni Ċivili [Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta] u dan stante illi l-kreditu mitlub huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorita` attriċi l-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra l-ħlas tal-imsemmi ammont;

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, is-soċjeta` rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

(i) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara lis-soċjeta` intimata debitriċi tas-soċjeta` rikorrenti, Terracore Ltd fl-ammont mija wieħed u erbgħin elf, tmien mija sebgħa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€141,897.57);

(iii) Tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lis-soċjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta' mija wieħed u erbgħin elf, tmien mija sebgħa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€141,897.57);

> Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta’ sekwestru nru 710/2020, u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata appikabbli ai termini tal-Liġijiet ta’ Malta kontra s-soċjeta` intimata li hija minn issa nġunti għas-subizzjoni.”

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tas-Soċjeta’ konvenuta (a’ fol 64);

Rat li fid-dawl tal-imsemmija nota l-Kawża tħalliet għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Fis-sewwa ma tantx hemm xi tgħid dwar it-talbiet Attriċi ġaladarba is-Soċjeta’ Konvenuta ammettiehom kif fuq spjegat.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta’ u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tal-ammissjoni tas-Soċjeta’ Konvenuta;

**Tilqa’ it-tieni** talba u tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta debitriċi tas-soċjeta` attriċi, Terracore Ltd fl-ammont ta’ mija wieħed u erbgħin elf, tmien mija sebgħa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€141,897.57);

**Tilqa’ t-tielet** talba u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-imsemmija somma ta’ mija wieħed u erbgħin elf, tmien mija sebgħa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€141,897.57) bl-imgħaxijiet legali mit-2 ta’ Lulju 2020 sal pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra s-Soċjeta' Konvenuta inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 710/2020.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**